Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 426/2017

Il-Pulizija

Vs

Tania Schembri

Illum 15 ta' Ottubru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata Tania Schembri detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 135473M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-22 ta' April 2016 ghall-habta ta' 02:50hrs bil-vettura KAK 968 gewwa Triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar:

1. Saqet vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Ottubru 2017, fejn il-Qorti wara li rat il-Ligi Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2), fuq ammissjoni sabet lill-akkuzata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u mmultatha multa komplessiva ta' €150.00 u ddikjarat li l-licenzja ma gietx sospiza ghal din id-darba biss.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

I. Fl-ewwel lok tghaddi sabiex ai termini tal-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali tirrevoka d-digriet/ordni tal-Qorti tal-Magistrati permezz ta' liema gie ordnat li l-atti tal-inkjesta Magisterjali jintbaghtu lura lill-Avukat Generali u minflok tghaddi sabiex tordna li l-atti tal-inkjesta Magisterjali jergghu jigu nseriti fl-atti processwali odjerni skont il-ligi; u

II. Fit-tieni lok tghaddi sabiex **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

i. <u>tikkonfermaha</u> fil-parti fejn sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha u f'dik il-parti fejn immultat lill-appellata ghal multa ta' Eur 150; u
ii. <u>thassarha u tirrevokaha</u> f'dik il-parti fejn ma ssospendietx il-licenzja tas-sewqan tal-appellata u <u>minflok tghaddi</u> sabiex ai termini tal-ligi tissospendi tali licenzja u sabiex tordna lill-istess appellata thallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi fit-23 ta' Ottubru tas-sena 2017 l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest ghas-segwenti ragunijiet.

Illi fl-ewwel lok fl-umli fehma tal-esponent, il-piena nflitta mill-Qorti inferjuri kienet minhabba fix-xorta jew kwantità taghha, differenti minn dik preskritta ghar-reat li dwaru l-appellata rregistrat ammissjoni u nstabet hatja. Dana specifikatament meta l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Schembri,

meta tali, sospensjoni hija wahda tassattiva skont il-ligi galadarba mitluba mill-prosekuzzjoni.

Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Onorabbli Qorti, fir-rigward tas-sospensjoni tal-licenzja (li giet mitluba mill-prosekuzzjoni permezz tac-citazzjoni pprezentata mill-Pulizija), iddikjarat *'licenzja mhux sospiza ghal din id-darba biss'*.

Illi l-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *"Fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-subartikolu (1) il-Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b'zieda ghall-piena skont dak is-subartikolu, **ghandha** tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem"*.

Illi ghaldaqstant in vista ta' dak li jistipula s-subartikolu hawn fuq imsemmi, b'mod tassattiv l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li b'mod tassattiv tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Schembri ghaz-zmien hekk kif previst mil-ligi.

Illi fit-tieni lok l-esponent jaghmel referenza ghall-verbal tal-proceduri odjerni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, minn fejn jirrizulta li fir-rigward tal-atti tal-Inkjesta Magisterjali l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat: "*il-Qorti tordna li l-atti jmorru lura l-AG*". F'dan ir-rigward, l-esponent ghal kull bon fini qed jiddikjara li permezz tal-prezenti appell qed jappella ukoll minn din id-decizjoni tal-Qorti u dana ai termini ta' dak li jistipula l-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali.

Illi dana qed jinghad il-ghaliex fil-fehma tal-esponent il-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu skont il-ligi li tressaq kull prova fauvr u kontra kull imputat. Il-proces verbal u l-atti tal-Inkjesta Magisterjali huma tali prova li l-prosekuzzjoni, galadarba pertinenti ghall-fatti mertu tal-proceduri odjerni, kellha l-obbligu li tressaq quddiem il-Qorti sabiex dina tiehu konjizzjoni tal-istess. Fil-fehma tal-esponent l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt, skont il-ligi, taghti tali ordni, liema ordni hija wahda li mhux qed thalli lill-prosekuzzjoni jaqdu d-dmirjiet taghhom skont il-ligi u cioe' li hekk kif inghad iktar 'il fuq iressqu dawk il-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-imputat li jkun. Dana iktar u iktar meta l-proceduri kriminali gew istitwiti fil-konfront tal-appellata fuq struzzjonijiet u ordnijiet moghtija mill-Magistrat Inkwerenti.

Illi konsegwentament ghall-ordni li nghatat mill-ewwel Onorabbli Qorti u cioe' li l-atrti tal-inkjesta Magisterjali ma jigux inseriti fl-atti processwali, l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tordna lill-appellata thallas l-ispejjez peritali hekk kif rikjest tassattivament mill-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali li espressament jistipula:

> *"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta' f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhalma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni"*.

Illi ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet suesposti l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka l-ordni tal-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tal-atti tal-inkjesta u tghaddi sabiex tordna li l-atti tal-inkjesta Magisterjali jigu rimessi fl-atti processwali odjerni u konsegwentament tghaddi sabiex tordna lill-appellata, in vista tad-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront taghha, thallas l-ispejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-partijiet jittraw dan ir-rikros tal Avukat Generali u dan fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2019.

Ikkunsidrat.

Il fatti specie tal-kaz in desamina, li jirizultaw mill-atti huma s-segwenti:-

1. L-appellanti tresqet quddiem l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkzuta talli saqt il-vettura taghha tal-ghamla Chevrolet numru ta' registrazzjoni KAK 968 b'nuqqas ta kont nhar it-22 ta April 2016 ghall-habta tat-2.50a.m fi Triq il Pwales, San Pawl il-Bahar.

2. Illi fl-ewwel seduta u cioe nhar is-17 ta Ottubru 2017 xehedu l-ispettur Maurice Curmi u l-espert tal-Qorti Mario Buttigieg u gie prezentat il-PIRS report.

3. Illi f'dik l-istess seduta l-appellant fil-presenza tal-avukat taghha Dr Isamel Psiala irregistrat ammissjoni ghall-akkuza kif addibitata fil-konfront taghha.

4. Il-Qorti ghaddiet biex tat is-sentenza taghha fejn fuq ammissjoni ta' l-istess appellant, l-Qorti sabitha hatja tal-akkuza u kkundannata ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin euro (€150).

Illi l-Avukat Generali interpona umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti u dan ghaliex hass ruhu aggravat minn din l-istess sentenza u dan ghaliex fl-ewwel lok l-ewwel Qorti ma ordnatx l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellata minkejja li fil-fehma tieghu l-iskwalifika hija tasattiva, u in oltre fit-tieni lok ma kkundannatx lill-appellata thallas l-ispejjez inkorsi f-inkjesta relatata mal-incident awtomobilistiku li fih kienet invouta l-appellanti, minhabba is-sewqan bla kont taghha. Id-difiza min naha l-ohra sostniet, li l-ewwel Qorti ma ordnatx l-iskwalifika ghaliex dan kien kaz sfortunat fejn in effetti l-appellata kienet ta' perikolu ghaliha innifisha u fil-fehma taghha dan ma kienx incident kawzat minhabba xi imperizja da parti tal-appellata izda kien incident sfortunat li sehh hija u sejra ghax-xoghol meta kwazi tilfet hajjitha meta tilfet il-kontrol tal-vettura taghha.

Illi minn esami tar-rikors promotur tal-Avukat Generali jinghad a fol. 3 tal-istess li l-ewwel Qorti tat ordni biex il-process verbal ma jigix esebit fl-atti tal-process pero' dan il-fatt lamentat mill-Avukat Genrali ma jirriuzltax mill-atti. Li jirrizulta zgur hu li fl-ebda verbal tal-Qorti ma hemm indikat li l-process verbal gie esebit u ghalhekk minkejja li l-process verbal illum jinsab fil-process dan jinstab hemm b'mod abbusiv u mhux b'ordni tal-Qorti. Konsegwentment it-talba tal-Avukat Generali biex din il-Qorti tikkundanna lill-appellata thallas l-ispejjez tal-esperti ma tistax tigi milqugha.

L-Avuakt Generali stqarr li kien qed jinterponi appell skond l-artikolu 415 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u cioe mil-verbal tas-17 ta' Otubru, 2017 fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali. Illi bir-ripsett kollu lejn l-ewwel Qorti r-raguni ghaliex ordnat li l-atti jintbaghtu lill-ufficcju tal-Avukat Generali ma tirrizultax mill-atti u lanqas ma jirrizulta jekk in effetti l-atti gewx mibghuta. L-akkuza odjerna kient wahda li taqa' fil-gurisdizzjoni originali tal-ewwel Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-atti jigu mibghuta lill Avukat Generali. Li kien hemm bzonn hu (u hekk messu sar) li l-prosekuzzjoni titlob differiment sabiex tipprezenta nota quddiem il-

Magistrat Inkwirenti li rrediga il-Process verbal bil-ghan li dan il-proces verbal jigi inserit fl-atti. Haga li ma saritx. Ghalhekk f'dan l-istadaju l-Avukat Generali ma jistax jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-appellata thallas l-ispejjez inkorsi man nomina tal-esperti fl-atti tal-inkjesta. Ghalhekk din il-Qorti ghandha zewg aggravju quddiemha.

Dwar l-ewwel agggravju dwar l-ordni ta' skwalifika tal-licienzja jinghad is-segwenti:

L-appellata instabet hatja tar-reat kif kontemplat fl-artikolu 15 (1) (a) u (2) tal-kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

(1) Kull min –

(a) *"isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta'kont, …….ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena"*

Illi ghalhekk il-multa inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi.

Dwar l-iskwlaifika jinghad li l-ewwel Qorti iccitat is-sub artikolu (2) ta l-istess artikolu 15 tal-kapitolu 65 tal-ligijiet ta Malta li jipprovdi s-segwenti:-

(2) *"Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-muturjew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti,b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, uf'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta'mhux anqas minn sena"*.

Illi pero bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti ma kellhiex ticcita tali artikolu stante li l-appellata instabet hatja ta' sewqan bla kont u mhux ta sewqan traskurat jew perikoluz u ghalhekk tali sub artikolu ma jappliakx ghal kaz taghha.

Jinghad ghalhekk li l-ewwel Qorti kellha ticcita is-sub artikolu (3) tal-artikolu 65 tal-Kap 9 li jipprovi s-segwenti:

*(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-sub artikolu, **għandha**[1] tiskwalifikalill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmienta' mhux anqas minn tmint ijiem.*

Minn dan id-dispost johrog car illi l-ewwel Qorti darba ssib htija ghandha l-obbligu illi tordna wkoll skwalifika tal-licenzja ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tmient (8) ijiem. Il-kliem testwali wzat mill-Ligi huwa "*ghandha tiskwalifika . . .*" u ghalhekk ma hemm l-ebda deskrizzjoni fdata lill-Qorti li biha tista tikkonsidra jew a direttura tiskarta xi forma ta' piena ohra. ( vide **il-Pulizija vs Clint Andrew Mifsud[2] u Il-Pulizija (spettur Paul Bond) vs Spiridione Plum[3])**

Kosegwentement dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Dwar it-tieni aggravju u cioe dak li jikkonverna l-artikolu 533 tal kap 9 u cioe il-kundanna tal-hlas ta l-ispejjez inkorti man-nomina ta l-esperti , il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid.

l-artikolu 533 (1) tal-kapitolu 9 jipprovdi s-segwenti:-

*"Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio, **il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara**,tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta'parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni"*

F'dan ir-rigward jinghad li l-ligi tipprovdi li l-ewwl Qorti tista tikkundanna lil hati ihallas l-ispejjez ta l-esperti I kellhom x'jaqsmu mal-hatra t al-esperti fil-proceduri u li gew mahtura fl-inkjesta jew meta taghti is-sentenza jew f'kul stajdu iehor. Ili f'dan il-kaz jidher car li l-ewwel Qorti ma ordnatx lill-appelalt athallas l-ispejjez mas-sentenza. Dan pero ma ifissirx li din il-Qorti hija impeduta milli tordna li isir tali hlas stante li dan jista jsir ***f'kull ordni ieħor*** wara li tinghata s-sentenza ukoll **purche pero**

[1] Sottolinear ta din l-Onorabbli Qorti.

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 13 ta' Ottubru, 2011 Appell Kriminali Numru. 299/2010.

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' April, 2001.

**l-atti tal-inkjesta tkun esebita fl-atti**[4] u ghalhekk jirrizulta dak li hu dovut lill-esperti

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tikkonfemra is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-htija, tvarjha fir-rigward tal-piena billi tikkonfermha fejn ordnat lill-appellata thallas l-ammont ta' mija u hamsin euro (€150) bhala multa u tirriforma l-istess billi tikunndanna lill-appellata ghal tmint ijiem skwalifika tal-licenzja tas-sewqan li jibdew jiddekorru mill-illum f'nofs il-lejl.

Tordna ghalhekk lill-appellanta tiehu l-licenzja tas-sewqan taghha ghand it-Transport Malta sabiex tigi mizmuma minnha tul dan il-perijodu ta' skwalifika ordnat minn din il-Qorti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[4] Emfasi minn din l-Onorabbli Qorti.